MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2009

Numru. 703/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**KONTRA**

**ANA MARIA GARCIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ana Maria Garcia ta' 62 sena, bint Mario u Eremita nee' Garcia Martin, mwielda Spanja nhar it- 2 ta' Dicembru 1946, residenti fil- fond gewwa l- lukanda Gillieru, kamra numru 205, San Pawl il- Bahar u detentrici tal- Karta tal-Identita' bin- numru 46006577(E);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fl- 20 ta' Lulju 2009 ghall- habta tal- 17.00hrs, gewwa Triq il- Qajjenza, Birzebbugia, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat offizi ta' natura gravi, fuq il- persuna ta' Jean- Claude Magro skond kif iccertifika Dr. Bonnici MD Reg 5115 mill-Isptar Mater Dei.

2) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il- vettura numru CBK 676 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li l-imputata ma tahti xejn ghall-incident fejn wegga' l-minuri Jean-Claude Magro. Qabel xejn, jigi rilevat li l-griehi sofferti mill-minuri kienu kklassifikati hfief, u mhux gravi, kif indikati fic-citazzjoni kif korretta. Inoltre, kien l-istess minuri li qabad u qasam it-triq, fil-presenza ta' ommu u ta' adult iehor, f'post fejn il-vizwali tat-triq hi limitata ghall-ahhar. Kien jispetta semmai ghall-genitur tieghu li jew jaqsmu mieghu jew almenu jassiguraw li hu jaqsam minn post fejn setghu jaraw it-traffiku gej, u mhux ihallu tifel ta' hames snin jaqsam bl-addocc minn "blind corner". L-imputata ghamlet manuvra biex tiskapula lit-tifel, li sabitu ma' wiccha f'emergenza, u rnexxielha tevita li tolqtu b'impatt frontali u

b'hekk intlaqat mill-genb tax-xellug tal-vettura. L-anqas ma jista' jinghad li hi saqet b'xi mod traskurat jew li ma zammetx "a proper lookout" fis-sewqan taghha. Il-velocita' li kienet ghaddejja hi dak il-hin kien wiehed ragonevoli ghall-ahhar, tenut kont tal-kundizzjoni tat-triq in kwistjoni, u fil-fatt kellha bizzejjed hin taghmel manuvra evasiva immedjata.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex x'tahti ghall-incident in kwistjoni u ghaldaqstant ser tigi liberate mill-imputazzjonijiet kontriha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 216, 221, 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikoli 15(1)(a) u (b), (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lil imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------